MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tas-26 ta' Frar, 2014

Numru. 58/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**vs**

**DAVID SULTANA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha David Sultana ta' 49 sena bin Emanuel u Pauline xebba baker, imwieled Cospicua nhar 17 ta' April 1964 u residenti gewwa 72, Soleil Crt. Blk F, Triq tal-Hamrija, Marsaskala id: 273364M

Gie akkuzat talli:

Nhar it-12 ta' April 2013 u fil-jiem ta' qabel din id-data, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, oggetti gejjin minn reat ta' serq ikkwalifikat bil-valur li jeccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu (€232.93) izda inqas minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37)

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok SB3 u nnutat li l-imputat David Sultana m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Rat l-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat David Sultana, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta l-akkuza migjuba kontra tieghu fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta tallum iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija, tillibera lill-istess imputat David Sultana taht il-Provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat David Sultana l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------